# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 377/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Manuel Azzopardi**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Manuel Azzopardi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 465661(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fl-1 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta ta' 19:30hrs u fi ġranet u l-ħinijiet ta' qabel waqt li kien qiegħed ġewwa Ħaż-Żebbuġ u fil-gżejjer Maltin, ħa jew ipprova jieħu xi għasafar, matul l-istaġun magħluq għall-insib ta' l-għasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(ċ), L.S. 549.42;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qed jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, meta ma kienx fil-pussess ta' liċenzja valida skont ma tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra, dan bi ksur ta' L.S. 549.42 Reg. 12(1);

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-Regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-Regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42 u Regolament 8(1) ta' L.S. 549.42;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża xi xbieki u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(e) tal-L.S. 549.42;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża jew kellu fil-pussess tiegħu waqt attivita' ta' kaċċa jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u dan bi ksur tar-Reg. 7(1)(d), L.S. 549.42;

6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kien qed jonsob u jew jikkaċċja kellu fil-pussess tiegħu *bird caller* u dan bi ksur tar-Regolament 7(2), L.S. 549.42;

7. fl-istess data, ħin u ċirkostanzi bejn sagħtejn wara nżul ix-xemx u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx ta' l-għada filgħodu, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ha jew ipprova jieħu xi għasfur b'xi mezz, jew ġarr xi arma tan-nar li tkun ikkargata, jew barra l-għata tagħha u dan bi ksur ta' Regolament 19(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Awwissu 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(d) u (e), 7(2), 8(1), 18(1)(ċ), 19(1), u 27 tal-Avviż Legali 79 tal-2006, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni, sabitu ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000). *In oltre* fit-termini ta' Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tal-2006, il-Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaggi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għal perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex fir-rigward tas-sentenza tal-Ewwel Qorti: *"tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux ħati tar-reat taħt it-tieni imputazzjoni; u tħassarha limitatament għal dik il-parti fejn sabitu ħati tar-reati taħt l-ewwel, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u minflok fir-rigward ta' kull waħda minn dawn il-ħames imputazzjonijiet tilliberah minn kull ħtija, pieni u imputazzjoni skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-insib wara l-ħinijiet legali fejn skont huwa l-Prosekuzzjoni naqset milli tagħmel il-prova neċessarja lil hinn minn kull dubju raġonevoli li fl-1 ta' Diċembru 2020 huwa kien qed jonsob barra l-ħin legali. Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- dakinhar tal-1 ta' Diċembru 2020, l-inżul tax-xemx kien 16.48hrs u li b'hekk sagħtejn wara nżul ix-xemx imsemmi fis-seba' imputazzjoni jiġi li huwa 18.48hrs;

- l-okkorrenza (Dok. "X1" – *a fol.* 5 *et seq.*) issemmi li kien għall-ħabta ta' 19.00hrs li kienu daħlu r-rapporti li kienet għaddejja attivita' ta' nsib illegali barra l-ħin kif ukoll użu ta' *bird callers* għall-qbid tal-pluvieri;

- fl-affidavit tiegħu (Dok "X5" – *a fol.* 14), PC 217 I. Mizzi jirreferi għall-ħin ta' 19.30hrs;

- PS 1030 Clinton Theuma (*a fol.* 19 *et seq.*) jgħid li f'19.00hrs daħlu diversi rapporti li kienet għaddejja attivita' ta' nsib illegal barra l-ħin;

- Julian Magri (*a fol.* 48 *et seq.*), prodott mid-difiża, jagħmel riferenza għal 18.30hrs bħala l-ħin li l-ispezzjoni kienet lesta.

Illi bħal l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma għandhiex dubju li l-ħin imsemmi minn Julian Magri ma għandux mis-sewwa u dana meta jiġi kkunsidrat x'jirriżulta mill-bqija tal-atti proċesswali kif imsemmi hawn fuq. Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati tas-seba' imputazzjoni minħabba li kienu skorrew sagħtejn wara nżul ix-xemx kif imsemmi fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant jirrigwarda staġun magħluq u jagħmel riferenza għas-sejbien ta' ħtija tiegħu mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Jilmenta mill-fatt li meta l-Ewwel Qorti sabitu ħati ta' nsib wara l-ħin legali hija waslet għal konklużjoni li għandu jinstab ħati wkoll ta' insib fl-istaġun magħluq. Huwa jġib l-eżempju ta' nassab li huwa jsejjaħ bħala *bully* li jinstab ħati li kien qed jonsob fix-xhur ta' staġun magħluq *ai termini* ta' Regolament 18(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta u nassab ieħor li jinstab ħati li kien qed jonsob wara l-ħin legali bi ksur ta' Regolament 19(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija u li b'hekk in-nassab *bully* jiġi

penalizzat għal reat wieħed u n-nassab l-ieħor jiġi penalizzat għal żewġ reati.

Illi mingħajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li r-raġunament tan-nassab *bully* u l-ieħor li mhuwiex hekk kif imsemmi mill-appellant fl-aggravju in eżami ma għandux mis-sewwa u dana peress li ladarba nassab kien qed jonsob sagħtejn wara nżul ix-xemx fi staġun miftuħ għall-insib huwa ma setgħax jagħmel hekk bħallikieku l-istaġun kien magħluq għall-insib. Dwar il-piena in kwistjoni, din il-Qorti tinnota li fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u qalet li dan kienet qed tagħmlu *"ġialadarba li uħud mir-reati li tagħhom ser jinstab ħati kienu mezz ai fini għall-imputazzjonijiet oħra li tagħhom ser jinstab ħati ukoll"* (*a fol.* 54). Għaldaqstant, it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija tal-appellant fit-tielet imputazzjoni u ċioè dik dwar tajr protett u jirreferi kemm għal venewwa u kif ukoll għal pluviera. Dwar dan l-aggravu l-Qorti tinnota li PS 1030 Clinton Theuma kien ċar ħafna meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, speċjalment fil-kontro-eżami tiegħu meta ddikjara li nstabu kemm *bird callers* bl-għajjat tal-pluviera u kif kif tal-venewwa. Minkejja li l-appellant qal li kellu biss *bird callers* tal-pluviera, l-uffiċjali kollha tal-Pulizija qalu li semgħu kemm l-għajjat tal-pluviera kif ukoll tal-venewwa.

Illi minkejja li jirriżulta li l-appellant kellu l-liċenzji neċessarji għall-insib tant li l-Ewwel Qorti lliberatu mit-tieni imputazzjoni, pero' meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad aktar 'il fuq fir-rigward tat-tieni aggravju u tenut kont tal-fatt li din il-Qorti jirriżultalha li l-appellant kien qed jonsob kemm għall-pluviera u kif ukoll għall-venewwa b'hekk isegwi li anke t-tielet aggravju tiegħu qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-raba' (4) imputazzjoni u ċioè dik li tirrigwarda x-xbieki. Huwa jargumenta li kellu kull dritt li jonsob għall-pluviera u jargumenta wkoll li x-xbieki li kellu kienu dawk tradizzjonali (u hawn juża t-terminoloġija ta' l-ewwel proviso ta' Regolament 8(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta) u jgħid li dawn ix-xbieki kienu dawk mifruxa ċatti mal-art li nassab jaqleb fuq xulxin b'mod manwali biex jaqbad għasfur.

Illi minkejja li din il-Qorti jirriżultalha sodisfaċentement pruvat li l-appellant kien qed juża' x-xbieki, il-Qorti ma jirriżultalhiex x'tip ta' xbieki kienu u dan qed jingħad fid-dawl ta' dak li huwa permess *ai termini* ta' Regolament 8(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod speċjali meta x-xbieki in kwistjoni f'dan il-każ ma jirriżultax li ġew elevati u wisq anqas eżebiti, anqas formalment, fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. B'hekk isegwi li dan ir-raba' aggravju jistħoqq li jkun milqugħ.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aħħar aggravju tal-appellant huwa l-ħames aggravju li jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija tiegħu fis-sitt imputazzjoni u ċioè dik tal-*bird caller*. F'dan l-aggravju l-appellant jgħid li minkejja li ma kienx qed jappella mis-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward tal-ħames imputazzjoni jisħaq li permezz tas-sitt imputazzjoni kien qed jiġi misjub ħati darbtejn għall-istess fatt indikat fiż-żewġ imputazzjonijiet imsemmija u ċioè fil-ħames u fis-sitt imputazzjoni. Jisħaq li s-sitt imputazzjoni hija ripetizzjoni tal-ħames imputazjoni u li għalhekk is-sitt imputazzjoni hija nulla.

Illi hawnhekk għandu japplika dak li qalet din il-Qorti aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward tat-tieni aggravju fejn il-Qorti għamlet riferenza għall-fatt li fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk ma hemm xejn null fis-sitt imputazzjoni u dana stante li l-Ewwel Qorti kkunsidrat l-Artikolu 17 hawn fuq imsemmi. Għaldaqstant, il-ħames aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li din il-Qorti laqgħet ir-raba' aggravju tal-appellant, il-Qorti ma tarax li hemm lok għala l-piena mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha għandha tiġi varjata u dana peress li meta l-Ewwel Qorti tat il-piena tagħha hija ħadet in konsiderazzjoni Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Manuel Azzopardi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**